IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 24.1.2007
KUMM(2007) 23 finali

.

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Programm ta' Azzjoni għat-Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi fl-Unjoni Ewropea**

{SEG(2007) 84}
{SEG(2007) 85}

MT MT

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Programm ta' Azzjoni għat-Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi fl-Unjoni Ewropea**

## 1. INTRODUZZJONI

F'Novembru 2006, il-Kummissjoni pproponiet it-tnedija ta' Programm ta' Azzjoni ambizzjuż biex inaqqas il-piżijiet amministrattivi tar-regolazzjoni eżistenti fl-UE. Bħala parti minn din l-istrateġija, il-Kummissjoni pproponiet li l-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2007 jistabbilixxi mira għat-tnaqqis ta' 25%, li trid tinkiseb b'mod konġunt mill-UE u mill-Istati Membri sa l-2012[1]. Dan jenfasizza l-impenn tal-Kummissjoni lejn ir-Regolamentazzjoni Aħjar bħala parti mill-istrateġija "Xogħol u Tkabbir".

Il-mira globali għat-tnaqqis ta' 25% hija għan konġunt li jista' jintlaħaq biss fuq il-bażi ta' responsabbiltà konġunta u sforz komuni mill-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet Ewropew. Huwa importanti li l-partijiet kollha involuti f'dan il-proċess jieħdu azzjoni xierqa u rapida, sabiex l-għan politiku jkun jista' jiġi tradott f'miżuri operattivi, għall-benefiċċju tal-komunità tan-negozju, partikolarment l-impriżi żgħar u medji, u tal-konsumaturi.

Dan il-Programm ta' Azzjoni ma jirrigwardax id-deregolamentazzjoni. U lanqas ma għandu l-iskop li jibdel l-għanijiet politiċi stipulati fil-leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti jew il-livell ta' ambizzjoni fit-testi leġiżlattivi eżistenti. Minflok, dan jirrappreżenta sforz importanti biex il-mod kif l-għanijiet politiċi jiġu implimentati, jiġi ssimplifikat u jkun inqas ta' piż – miżura importanti tal-kwalità tar-regolamentazzjoni f'kull livell. Piżijiet amministrattivi żejda u sproporzjonati jista' jkollhom impatt ekonomiku reali. Dawn jistgħu jkunu wkoll irritant u ta' distrazzjoni għan-negozji u spiss jiġu identifikati bħala mira prijoritarja għas-simplifikazzjoni. Il-Kummissjoni hija impenjata biex tgħin fit-tnaqqis ta' dawn il-piżijiet żejda fil-livelli kollha u tenfasizza li din hija responsabbiltà konġunta ta' l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet Ewropej.

Dan il-Programm ta' Azzjoni jistabbilixxi kif il-Kummissjoni tipproponi li l-obbligi ta' l-informazzjoni (OI) għandhom jiġu identifikati, imkejla u mnaqqsa. Il-programm se jkejjel l-ispejjeż amministrattivi, jiddeċiedi liema minn dawn l-ispejjeż huma ta' piż żejjed u jnaqqas dawk il-piżijiet amministrattivi li mhumiex meħtieġa. B'mod prattiku, hekk kif l-eżerċizzju ta' kejl jagħti r-riżultati tiegħu, il-Kummissjoni se tanalizzahom u tieħu l-inizjattivi meħtieġa lejn it-tnaqqis tal-piżijiet żejda. L-istrateġija ppreżentata f'din il-Komunikazzjoni hija ambizzjuża u s-suċċess tagħha jiddependi ħafna fuq l-appoġġ u l-kooperazzjoni attivi ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet l-oħra ta' l-UE. Il-proġett pilota u l-miżuri nazzjonali li twettqu sal-lum[2] ikkonfermaw li t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi huwa responsabbiltà konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

---

1 Dokument ta' Ħidma tal-Kumissjoni COM(2006)691: "Il-kejl ta' spejjeż amministrattivi u tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fl-Unjoni Ewropea" Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni COM(2006)689: "Reviżjoni strateġika tar-Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea".

2 "Il-proġett pilota fuq il-piżijiet amministrattivi", WIFO-CEPS, Ottubru 2006

It-tabella Nru 1 tiġbor il-komponenti differenti tal-Programm ta' Azzjoni u tirreferi għal aktar preżentazzjonijiet dettaljati tal-partijiet ewlenin individwali li hemm f'din il-Komunikazzjoni.

| **Tabella Nru 1 Komponenti li jikkostitwixxu l-Programm ta' Azzjoni ta' l-UE għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi** | |
|---|---|
| | Metodoloġija għall-kejl ta' l-ispejjeż (Kapitolu 2 – Sezzjonijiet 2.1-2.2) u prinċipji għat-tnaqqis tal-piżijiet (Kapitolu 5) |
| | Oqsma ta' prijorità għall-kejl u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi żejda marbuta mal-leġiżlazzjoni tal-KE u l-leġiżlazzjoni "purament" nazzjonali u reġjonali rispettivament (Sezzjoni 2.3) |
| | L-istruttura organizzazzjonali proposta (Sezzjoni 2.4) |
| | Il-miri għat-tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi (Kapitolu 3) |
| | Proposti għal azzjoni immedjata (Kapitolu 4) |

Il-punt fokali tal-Programm ta' Azzjoni huwa fuq Obbligi ta' Informazzjoni (OI) skaduti, superfluwi jew ripetittivi li għandhom jiġu distinti minn fatturi leġiżlattivi konsistenti jew meħtieġa għall-ksib tal-benefiċċji tal-leġiżlazzjoni. L-għan huwa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi żejda fuq in-negozji; madankollu, il-programm se jirriżulta wkoll f'titjib sostanzjali għall-konsumaturi, pereżempju, permezz ta' prezzijiet iktar baxxi. Jidher ċar li dawn il-miżuri ma għandhomx jikkompromettu l-iskop sostantiv tal-leġiżlazzjoni u għad hemm każijiet ċari fejn, fost oħrajn, minħabba raġunijiet marbuta mal-ħarsien tas-saħħa pubblika, il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema jew l-ambjent jew il-ħtieġa għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji u l-iżgurar ta' ġestjoni finanzjarja tajba, l-obbligi ta' informazzjoni se jibqgħu meħtieġa.

Bażikament, qed ikun propost li l-Kummissjoni, bl-għajnuna ta' l-Istati Membri, tkejjel il-piżijiet amministrattivi marbuta mal-leġiżlazzjoni Komunitarja u t-traspożizzjoni nazzjonali, u tfassal proposti xierqa ta' tnaqqis filwaqt li l-Istati Membri jkejlu u jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi tal-leġiżlazzjoni purament nazzjonali u reġjonali. Il-Programm se jibda f'Mejju 2007 u se jkollu l-għan li, sa Novembru 2008, jipprovdi evalwazzjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi imposti mil-leġiżlazzjoni tal-Komunità magħżula. Dan għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fuq in-negozji b'madwar 25% sa l-2012. Sabiex jinkiseb dan l-għan ambizzjuż, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex jidentifikaw, ikejlu u jnaqqsu l-piżijiet żejda fuq in-negozji.

Il-Programm għandu jrawwem benefiċċji ekonomiċi fuq tul ta' żmien, filwaqt li jagħti riżultati konkreti u tanġibbli fuq il-perjodu qasir u medju ta' żmien. L-enfasi tal-Programm huwa fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi żejda f'oqsma prijoritarji speċifiċi. L-oqsma prijoritarji fir-rigward tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE ġew identifikati fuq il-bażi tas-sejbiet ta' proġett pilota[3] li tlesta f'Ottubru 2006, il-kontribuzzjonijiet tal-partijiet interessati għall-programm ta' simpifikazzjoni li għaddej bħalissa u r-riżultati tal-konsultazzjoni mnedija mid-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni adottat fl-14 ta' Novembru 2006. L-oqsma prijoritarji magħżula jkopru r-rekwiżiti leġiżlattivi li jirrappreżentaw il-maġġoranza assoluta ta' l-ispejjeż

3 "Il-proġett pilota fuq il-piżijiet amministrattivi", WIFO-CEPS, Ottubru 2006

amministrattivi fuq in-negozji, u b'hekk jippermettu lill-Kummissjoni u lil-leġiżlaturi responsabbli jikkonċentraw l-isforzi u r-riżorsi tagħhom fuq oqsma fejn jista' jsir l-aktar impatt sinifikanti għat-titjib ta' l-ambjent regolatorju; madanakollu, il-modifiki korrispondenti għandhom isiru biss fejn ma jipperikolawx l-għanijiet sostantivi tal-leġiżlazzjoni. Fi stadju aktar tard, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li testendi l-Programm għal oqsma oħra li bħalissa m'humiex inklużi fil-lista ta' prijoritajiet.

Flimkien mal-mira ta' tnaqqis u l-oqsma prijoritarji, il-Programm ta' Azzjoni jinkludi lista ta' azzjonijiet li jistgħu jitwettqu malajr li għandhom jinbdew matul il-Presidenza Ġermaniża (l-Anness III). Dawn l-azzjonijiet jikkostitwixxu l-ewwel kontribuzzjoni lejn l-ilħiq tal-mira għat-tnaqqis billi jagħtu riżultati malajr fit-terminu l-qasir u jenfasizzaw l-importanza li l-Kummissjoni tagħti lill-istrateġija għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi. Il-Programm ta' Azzjoni kontinwament se jfittex li jagħti riżultati konkreti li jagħmlu l-ħajja tan-negozji eħfef.

## 1.1. Il-Piżijiet amministrattivi u l-ambjent tan-negozju ta' l-UE

Il-leġiżlazzjoni ta' l-UE għandha bħala għanijiet dawk stipulati fit-Trattati u l-għanijiet tal-politika pubblika li jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju milli fil-livell ta' l-Istati Membri. Dan għandu jiżgura wkoll li jkunu fis-seħħ il-kundizzjonijet għal Suq Intern li jaħdem b'mod effiċjenti, inkluż livelli xierqa ta' sikurezza, sigurtà u standards soċjali. L-informazzjoni u r-rappurtaġġ huma ċentrali għal kunfidenza reċiproka li tinsab fil-qalba tas-suq intern: sabiex jiġi garantit li kulħadd ikollu l-istess opportunitajiet. L-informazzjoni u r-rappurtar huma importanti wkoll f'oqsma politiċi bħall-politika ta' koeżjoni u l-agrikoltura fejn fondi pubbliċi jiġu amministrati lill-benefiċjarji. Imma l-bilanċ bejn il-benefiċċji ta' dawn ir-rekwiżiti u l-piż amministrattiv tagħhom irid jiġi ssorveljat kontinwament, u maż-żmien jista' jinbidel – uħud mill-proċeduri eżistenti li hemm fis-seħħ saru jieħdu ħafna ħin bla bżonn, saru kkumplikati wisq jew skaduti, filwaqt li f'ċerti każi l-informazzjoni mitluba tkun disponibbli diġà minn għejun oħrajn.

Ir-rekwiżiti amministrattivi għandhom effett importanti fuq l-ambjent tan-negozju minħabba li n-negozji madwar l-UE huma obbligati jgħaddu ammonti konsiderevoli ta' ħin jimlew formuli u jirrappurtaw fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet. Dawn l-ispejjeż bħalissa huma stmati li jammontaw għal 3.5% tal-PGD fl-UE. Pereżempju, billi jitnaqqsu kundizzjonijiet żejda ta' rappurtar, l-impjegati ta' kumpanija jistgħu jgħaddu aktar ħin fuq l-attivitajiet ewlenin tan-negozju li jnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni u jippermettu li jinħolqu investimenti addizzjonali u attivitajiet ta' innovazzjoni, li min-naħa tagħhom itejbu l-produttività u l-kompetittività ġenerali.

Il-mira konġunta għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi b'25% fl-2012 tkopri l-leġiżlazzjoni Komunitarja kif ukoll il-miżuri regolatorji nazzjonali. L-ilħiq ta' dan l-għan jista' jwassal għal żieda fil-livell tal-PGD ta' l-UE b'madwar 1.4% jew € 150 biljun fuq terminu medju ta' żmien[4].

## 1.2. Definizzjoni ta' l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi

Huwa importanti li tiġi ċċarata d-definizzjoni ta' l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi rispettivament – dawn id-definizzjonijiet jingħataw hawn taħt fuq il-bażi tal-manwal

[4] Gelauff, G.M.M. u A.M. Lejour (2005). Five Lisbon highlights: The economic impact of reaching these targets. CPB Document 104. CPB, The Hague.

internazzjonali maqbul tal-Mudell Standard ta' l-Ispejjeż u d-definizzjonijiet tal-Metodoloġija Standard ta' l-UE għall-Mudell ta' l-Ispejjeż (EU SCM)[5].

***L-ispejjeż tal-konformità huma l-ispejjeż kollha għall-konformità mar-regolamenti, bl-eċċezzjoni ta' spejjeż finanzjarji diretti u konsegwenzi strutturali fuq medda twila ta' żmien. Fil-kuntest tal-Mudell Standard ta' l-Ispejjeż, dawn jistgħu jitqassmu fi 'spejjeż ta' konformità sostantivi' u 'spejjeż amministrattivi'.***

***L-ispejjeż amministrattivi huma definiti bħala l-ispejjeż imġarrba mill-intrapriżi, is-settur voluntarju, l-awtoritajiet pubbliċi u ċ-ċittadini sabiex jissodisfaw l-obbligi ġuridiċi għall-għoti ta' informazzjoni dwar l-azzjonijiet jew il-produzzjoni tagħhom, lill-awtoritajiet pubbliċi jew lill-partijiet privati.***

***B'informazzjoni wieħed għandu jifhem is-sens wiesa' tal-kelma, i.e. li tinkludi l-ispejjeż ta' tikkettar, rappurtaġġ, monitoraġġ u evalwazzjoni meħtieġa għall-għoti ta' l-informazzjoni u r-reġistrazzjoni. F'xi każijiet, l-informazzjoni trid tiġi trasferita lill-awtoritajiet pubbliċi jew lill-partijiet privati. F'każijiet oħra, trid tkun biss disponibbli għal spezzjoni jew forniment meta tintalab.***

***Jeħtieġ issir distinzjoni importanti bejn l-informazzjoni li tinġabar min-negozji anke fin-nuqqas tal-leġiżlazzjoni u informazzjoni li ma tinġabarx jekk mhux għad-dispożizzjonijiet legali. L-ispejjeż li ġejjin minn dan il-każ ta' l-aħħar jissejħu piżijiet amministrattivi. Uħud mill-piżijiet amministrattivi jinħtieġu biex l-għanijiet sostantivi tal-leġiżlazzjoni u l-livell preskritt ta' protezzjoni definit fit-Trattati jintlaħqu b'mod effettiv; pereżempju fejn ikun hemm bżonn ta' informazzjoni biex is-swieq isiru trasparenti. Pero` hemm bosta każijiet oħra fejn il-piżijiet jistgħu jiġu ssimplifikati u jitnaqqsu mingħajr ma jiġu affettwati l-għanijiet sostantivi – dawn il-piżijiet huma ovvjament żejda..***

***Il-Programm ta' Azzjoni għandu l-għan li jkejjel l-ispejjeż amministrattivi, jidentifika u jnaqqas il-piżijiet amministrattivi, mingħajr ma jnaqqas xejn mill-għanijiet sostantivi tal-leġiżlazzjonijiet[6].***

## 2. L-IŻVILUPP TA' KEJL GĦALL-UE KOLLHA TAL-PIŻIJIET AMMINISTRATTIVI

### 2.1. Il-mudell SCM ta' l-UE

Il-Kunsill Ewropew tat-23 ta’ Marzu 2005 talab lill-Kummisjoni u l-Kunsill biex jikkunsidraw metodoloġija komuni għall-kejl tal-piżijiet amministrattivi bil-għan li jintlaħaq ftehim sa l-aħħar ta’ l-2005. Fis-16 ta' Marzu 2005 il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar għat-Tkabbir u l-Impjiegi fl-Unjoni Ewropea inkludiet, bħala akkumpanjament għad-Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff, ħarsa dettaljata lejn "Mudell ta' l-Ispejjeż Amministrattivi Netti ta' l-UE"[7] ibbażat fuq il-Mudell Standard ta' l-Ispejjeż[8].

Id-deskrizzjoni tal-Mudell ta' l-Ispejjeż Amministrattivi Netti ta' l-UE ġie emendat u rfinat permezz ta' fażi sperimentali li saret minn April sa Settembru 2005 u li waslet lill-

5 *EU model – manual*, Marzu 2006, p.1 (http://ec.europa.eu/governance/impact/docs/sec_2005_0791_anx_10_en.pdf); *International Standard Cost Model Manual – measuring and reducing administrative burdens for businesses*, October 2005, p.7 (http://www.oecd.org/dataoecd/32/54/34227698.pdf).

6 "*International SCM manual*" http://www.oecd.org/dataoecd/32/54/34227698.pdf.

7 Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff, Anness għall-Komunikazzjoni ta' l-2005 dwar Regolamentazzjoni Aħjar għat-Tkabbir u l-Impjiegi fl-Unjoni Ewropea, *Minimizing Administrative Costs Imposed by Legislation, Detailed Outline of a Possible EU Net Administrative Cost Model* - SEC(2005) 175, 16.3.2005.

8 L-użu ta' l-SCM wera progress sinifikanti bir-riformi regolatorji f'bosta Stati Membri, u dan il-Programm ta' Azzjoni għandu l-għan ċar li jżid ma' dawn l-esperjenzi. Bħalissa l-SCM qiegħed jintuża minn 17-il Stat Membru u l-OECD. http://www.administrative-burdens.com/

Kummissjoni biex tippreżenta metodoloġija riveduta, imsejħa wkoll l-"EU SCM"[9]. Il-Kummissjoni elenkat għadd ta' titjibiet possibbli lill-EU SCM, filwaqt li għamlitha ċara li din l-ottimizzazzjoni ma kinitx prerekwiżit għall-applikazzjoni tagħha. Manwal operattiv għall-applikazzjoni tal-mudell ġie inkluż fil-15 ta' Marzu 2006 fil-linji ta' gwida ta' l-Evalwazzjoni ta' l-Impatt[10] u tradott fil-lingwi kollha uffiċjali ta' l-UE sabiex jiffaċilita l-konverġenza metodoloġika. L-EU SCM ġie applikat f'għadd ta' Evalwazzjonijiet ta' l-Impatt[11] ippubblikati jew previsti sabiex ikun żgurat li kwalunkwe piż amministrattiv maħluq minn leġiżlazzjoni ġdida jiġi ġġustifikat u mminimizzat[12].

## 2.2. Il-kejl ta' l-UE u l-identifikazzjoni ta' l-Obbligi ta' Informazzjoni (OI).

Il-Programm ta' Azzjoni se juża l-Mudell Standard ta' l-UE ta' l-Ispejjeż (EU SCM)[13] sabiex jidentifika l-iktar OI ta' piż – rekwiżiti għat-tressiq ta' l-informazzjoni (eż. tressiq ta' ċertifikat ta' konformità) fl-oqsma prijoritarji proposti f'din il-Komunikazzjoni, biex dawn jiġu evalwati u biex jiġu ġġenerati osservazzjonijiet dwar kif dawn il-piżijiet jistgħu jitnaqqsu.

Sejba essenzjali tal-proġett pilota huwa li l-identifikazzjoni ta' l-OI speċifiċi għandha tikkostitwixxi l-bażi tal-programm ta' kejl. Anki jekk ikun magħruf li l-għadd ta' OI ivarja konsiderevolment bejn l-Istati Membri[14], huwa iktar faċli li jitkejlu l-OI milli biċċiet sħaħ ta' leġiżlazzjoni li jvarjaw bejn l-Istati Membri. Għaldaqstant, l-OI jikkostitwixxu l-materja prima ta' kwalunkwe programm għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi. Dan jimplika klassifikazzjoni ċara ta' dawn l-OI fl-atti bażiċi u fir-regoli sussegwenti ta' implimentazzjoni, fil-livell ta' l-UE kif ukoll dak nazzjonali. L-ewwel stadju ta' l-eżerċizzju, għalhekk, se jikkonsisti f'identifikazzjoni preċiża ta' l-OI ewlenin kollha rikjesti skond il-liġi mill-atti leġiżlattivi koperti. L-ewwel se jiġu identifikati l-OI preskritti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja, sabiex b'dan il-mod dawk li huma marbuta mal-leġiżlazzjoni Komunitarja iżda miżjuda mill-Istati Membri fil-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni tagħhom jiġu identifikati sussegwentement. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jaħdmu flimkien mill-qrib sabiex jassenjaw l-OI qabel iseħħ il-kejl ta' l-ispejjeż.

Peress li l-Istati Membri li diġà lestew il-kejl bażi tagħhom adottaw varjanti daqsxejn differenti mill-SCM oriġinali, diffiċli jsir tqabbil minn pajjiż għall-ieħor tad-*data* eżistenti, partikolarment meta wieħed jipprova jiġbor ir-riżultati flimkien u jiddetermina l-oriġini ta' l-OI. Se tkun meħtieġa xi armonizzazzjoni teknika (Ara l-Anness I).

---

9 Ara d-Dokument tal-Ħidma ta' l-Istaff, *Developing an EU common methodology for assessing administrative costs imposed by EU legislation - Report on the Pilot Phase* (April– September 2005), SEC(2005) 1329, anness mal-Komunikazzjoni dwar "Metodoloġija komuni ta' l-UE għall-evalwazzjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi imposti mil-leġiżlazzjoni" - COM(2005) 518, 21.10.2005.

10 Ara http://ec.europa.eu/governance/impact/docs_en.htm.

11 Ara, pereżempju, *Impact on postal services* SEC(2006) 1292 li jakkumpanja COM(2006) 594.

12 Minkejja li għandhom metodoloġija komuni, l-eżerċizzi tat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi huwa differenti minn eżerċizzju normali ta' Evalwazzjoni ta' l-Impatt. Dan l-eżerċizzju dwar il-piżijiet amministrattivi għandu l-għan li jipprovdi kejl komprensiv *ex-post* tal-leġiżlazzjoni f'qasam politiku għal-livelli kollha ta' leġiżlazzjoni u, imbagħad, identifikazzjoni sussegwenti tal-miri tat-tnaqqis. Min-naħa l-oħra, evalwazzjoni ta' l-impatt tkejjel l-ispejjeż u l-benefiċċji kollha ta' l-għażliet politiċi kollha disponibbli, filwaqt li l-metodoloġija dwar il-piż amministrattiv hija biss għodda parzjali għall-kejl li għandha tintuża fi proporzjon u għandha tintuża biss fl-evalwazzjoni *ex-ante* ta' l-impatti tal-bidliet proposti fil-leġiżlazzjoni (strateġija marġinali).

13 SEC (2005) 175.

14 Ir-Renju Unit identifika madwar 20 000 obbligu filwaqt li d-Danimarka u l-Olanda identifikaw 1 100 u 3 000 rispettivament.

## 2.3. L-ambitu tal-programm ta' azzjoni: il-leġiżlazzjoni li se tiġi evalwata

F'konformità ma' l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Impjiegi, u wara konsultazzjonijiet u diskussjonijiet dwar id-dokument ta' ħidma[15], il-Kummissjoni tipproponi li l-ambitu tal-Programm ta' Azzjoni jiġi limitat għall-obbligi fuq in-negozji[16].

Barra minn hekk, wara l-konsultazzjoni dwar id-Dokument ta' Ħidma ta' Novembru, hemm qbil ġenerali li l-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tiffoka fuq l-identifikazzjoni ta' l-OI, il-kejl ta' l-ispiża tagħhom u l-identifikazzjoni tal-miżuri għat-tnaqqis tal-piżijiet ta'[17]:

Fir-rigward ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni:

- regolament u direttivi tal-KE (inklużi OI li joriġinaw mil-liġi internazzjonali) f'dawk l-oqsma prijoritarji fejn il-piżijiet huma l-ikbar u/jew jitqiesu li huma hekk ("irritanti tan-negozju")

u

- miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni u ta' implimentazzjoni marbuta ma' dawn ir-regolamenti u direttivi tal-KE

Fir-rigward ta' l-Istati Membri:

- Sadanittant, l-Istati Membri għandhom jew iwettqu l-kejl bażi sħiħ ta' l-OI f'pajjiżhom jew jidentifikaw oqsma prijoritarji għall-kejl u t-tnaqqis ta' OI purament nazzjonali jew reġjonali.

Il-Kummissjoni hija mħeġġa mill-fatt li fl-2006, sbatax-il Stat Membru, sitta iktar mill-ħdax tas-sena ta' qabel, iddeċidew li jkejlu u jnaqqsu l-piżjiet amministrattivi u li tnejn oħra qed jittestjaw il-metodoloġija. Il-programm ta' azzjoni għandu jipprevedi li sa l-2009, l-Istati Membri kollha jkunu lestew il-kejl ta' l-OI fl-oqsma prijoritarji nazzjoni u reġjonali ewlenin. Jeħtieġ ukoll li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jaqblu dwar il-kejl bażi komuni fl-oqsma prijoritarji u l-miri għat-tnaqqis, maqsuma bejn il-Komunità u l-Istati Membri skond l-oriġini tal-piżijiet amministrattivi. Wara diskussjonijiet u konsultazzjoni dwar id-Dokument ta' Ħidma ta' l-14 ta' Novembru, il-Kummissjoni identifikat l-oqsma prijoritarji li ġejjin fir-rigward tal-leġiżlazzjoni Komunitarja li għandha tiġi indirizzata:

1. Il-liġi tal-kumpaniji
2. Il-leġiżlazzjoni farmaċewtika
3. L-ambjent tax-xogħol/ir-relazzjonijiet fl-impjiegi
4. Il-liġi tat-taxxi (VAT)
5. L-istatistika

---

15 Dokument ta' Ħidma tal-Kumissjoni COM(2006)691: "*Measuring administrative costs and reducing administrative burdens in the European Union*".

16 Madankollu, il-Kummissjoni se tanalizza r-rekwiżiti amministrattivi għall-benefiċjarji kollha tal-fondi tal-Politika tal-Koeżjoni. Barra minn hekk, dan il-programm ta' azzjoni mhux se jipprevjeni inizjattivi oħra tal-Kummissjoni li jkollhom l-għan li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi għaċ-ċittadini, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u/jew is-settur volontarju.

17 Għal aktar dettalji tekniċi ara *EU Model - manual* (http://ec.europa.eu/governance/impact/docs/sec_2005_0791_anx_10_en.pdf).

6. L-agrikoltura u s-sussidji agrikoli
7. Is-sikurezza ta'l-ikel
8. It-trasport
9. Is-sajd
10. Is-servizzi finanzjarji
11. L-ambjent
12. Il-politika ta' koeżjoni
13. L-akkwisti pubbliċi

Fl-Anness II lista ta' dawn l-oqsma prijoritarji hija akkumpanjata minn leġiżlazzjoni speċifika f'dawn l-oqsma magħżula għall-kejl. F'oqsma fejn ix-xogħol biex jitkejlu l-ispejjeż amministrattivi jew biex jiġi evalwat l-impatt ekonomiku wiesa' tal-leġiżlazzjoni fl-2007 diġà nbeda jew huwa ppjanat (eż. fil-Liġi tal-Kumpaniji, l-Agrikoltura, l-Akkwisti Pubbliċi u l-Politika ta' Koeżjoni), se tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib biex jiġu mmassimizzati s-sinerġiji. F'każ li ħidma ulterjuri tindika biċċiet ta' leġiżlazzjoni oħra fil-livell ta' l-UE li huma eċċessivament ta' piż u li tħallew barra mil-lista annessa, dawn se jiġu miżjuda. Il-lista ta' oqsma prijoritarji u leġiżlazzjoni speċifika hija mingħajr preġudizzju għal azzjonijiet sussegwenti għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi. F'ċerti każi, il-kejl jista' saħansitra jsib li l-piżijiet kollha imposti mil-leġiżlazzjoni huma filfatt meħtieġa. Ovvjament, dawn l-obbligi ma jitneħħewx.

## 2.4. Kwistjonijiet amminstrattivi

Il-Kummissjoni tipproponi li l-istrateġija deskritta hawn fuq tista' tiġi implimentata permezz ta' sħubija ma' l-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tiżgura l-kompatibilità ta' dan l-eżerċizzju ma' l-impenn li ħadet qabel biex twassal fil-ħin il-proposti elenkati fil-Programmi ta' Ħidma tagħha.

### *2.4.1 Konsulenti esterni*

Il-Kummissjoni se tqabbad servizzi ta' konsulent estern biex iwettaq il-kejl effettiv ta' l-ispejjeż amministrattivi tal-leġiżlazzjoni Komunitarja u li għandu jintgħażel kmieni fl-2007 wara sejħa għal proposti. Il-konsulenti se jwettqu l-kejl, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri u l-Kummissjoni; se jirrapportaw dwar il-biċċiet ta' leġiżlazzjoni magħżula għall-kejl u jagħtu suġġerimenti lill-Kummissjoni għat-tnaqqis fl-oqsma politiċi kollha. Il-kopertura tal-Programm jista' jiġi estiż f'każ ta' l-identifikazzjoni ta' iktar OI eliġibbli għat-tnaqqis.

### *2.4.2 L-Istati Membri u l-Kummissjoni*

Il-proġett se jiġi mmonitorjat minn Grupp ta' Tmexxija u bosta sottogruppi esperti li għandhom jiġu definiti fi stadju iktar tard.

Huwa propost li l-involviment ta' l-Istati Membri jgħaddi l-ewwel mill-Grupp ta' Livell Għoli ta' Esperti Nazzjonali għar-Regolamentazzjoni Aħjar. Dan il-grupp se jirrevedi l-progress b'mod regolari, jagħti pariri lill-Kummissjoni u jiżgura li l-punti ta' kuntatt fl-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri jkunu disponibbli għas-servizzi tal-Kummissjoni u l-kuntratturi tagħhom. Gruppi oħra ta' esperti li jagħtu pariri lill-Kummissjoni se jservu bħala punt ta' kuntatt għal oqsma prijoritarji speċifiċi.

Il-Kummissjoni biħsiebha wkoll taqsam l-ideat fuq bażi regolari man-netwerk eżistenti ta' l-SCM u titlob il-kontribut tagħhom fuq kwistjonijiet ta' metodoloġija li jistgħu jinqalgħu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se taħdem ma' l-Istati Membri biex tidentifika u xxerred

prassi tajba għat-tnaqqis ta' Obbligi ta' Informazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali li jkunu ta' piż.

Il-Kummissjoni biħsiebha tirrapporta regolarment dwar il-progress tal-Programm ta' Azzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

### *2.4.3 Irbit ma' attivitajiet rilevanti oħra li għaddejjin bħalissa*

Il-Programm ta' Azzjoni Komunitarju għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi għandu rabtiet ma' bosta attivitajiet oħra li għaddejjin bħalissa, partikolarment il-programm kontinwu tal-Kummissjoni dwar is-simplifikazzjoni li diġà fih għadd ta' biċċiet ta' leġiżlazzjoni inklużi fl-oqsma prijoritarji definiti f'dan il-Programm ta' Azzjoni. It-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi huwa għamla speċifika ta' simplifikazzjoni u l-kejl u l-analiżi tat-tnaqqis fil-Programm ta' Azzjoni, għalhekk, se jikkontribwixxi lejn il-programm tal-Kummissjoni dwar is-simplifikazzjoni b'mod aktar ġenerali.

Għadd ta' studji, li diġà nbdew jew li huma ppjanati, dwar il-kejl tal-piżijiet amministrattivi fis-setturi speċifiċi, se jkunu wkoll ta' rilevanza kbira għall-Programm ta' Azzjoni[18]. Pereżempju, fir-rigward tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, f'Diċembru ta' l-2006 tnieda studju dwar il-kejl tal-piżjiet amministrattivi għall-bdiewa li rriżultaw mir-riforma tal-CAP fl-2003

### *2.4.4 Ir-riżultati tal-proposti dwar il-kejl u s-simplifikazzjoni*

Dan l-eżerċizzju ta' kejl se jieħu madwar sentejn iżda dan il-Programm ta' Azzjoni biħsiebu jwassal għal azzjoni immedjata. Il-Kummissjoni mhix se tistenna sa tmiem il-proġett qabel tagħmel proposti għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi. Waqt li jkun qed isir il-kejl, il-Kummissjoni se tfittex li kontinwament tidentifika rekwiżiti li jistgħu jiġu ssimplifikati, imneħħija jew modifikati sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi żejda.

### *2.4.5 L-involviment tal-partijiet interessati*

Il-Programm ta' Azzjoni se jkollu strateġija trasparenti, fejn il-kontributi mill-partijiet interessati minn madwar l-Ewropa kollha se jiġu mwiegħba kontinwament[19]. Barra minn hekk, in-negozji Ewropej se jkollhom il-possibilità li jinvolvu ruħhom sewwa fl-eżerċizzju tal-kejl, eż. permezz ta' intervisti dettaljati. Fl-aħħarnett, il-possibilitajiet elettroniċi għall-aħjar interazzjoni se jiġu investigati wkoll.

## 3. MIRI GĦAT-TNAQQIS TAL-PIŻIJIET AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni pproponiet strateġija ambizzjuża biex tidentifika, tkejjel u tnaqqas il-piżijiet amministrattivi fl-UE. Mira komuni għat-tnaqqis tiżgura momentum politiku u trawwem ir-responsabbiltà fil-livelli kollha. Permezz tal-miri jkun iktar faċli li l-proċess kollhu tat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi jiġi mmonitorjat[20]. Dak li jitkejjel, isir.

---

[18] COM (2006) 689, p. 10.

[19] Dan se jiġi strutturat permezz tal-proġett pilota propost fil-baġit ta' l-2007 (linja ta' referenza tal-baġit: 26 01 08).

[20] Ir-Reviżjoni tal-Grupp tal-Bank Dinji tal-Programm Olandiż għat-tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi, Novembru 2006; *Administrative Simplification In The Netherlands*, OECD, l-24 ta' Novembru 2006.

Il-Kummissjoni pproponiet mira konġunta għall-UE, li tkopri l-livelli Komunitarji kif ukoll dawk nazzjonali u reġjonali, għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi b'25% fl-2012. Dan jirrifletti l-miri nazzjonali, fejn diġà ġew stabbiliti[21].

### 3.1. L-istabbiliment ta' miri f'erba' Stati Membri

Permezz ta' l-eżaminazzjoni ta' l-azzjonijiet meħuda fl-Istati Membri li diġà bdew il-programmi ta' kejl u tat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, jistgħu jinkisbu t-tagħlimiet li ġejjin għall-iżvilupp ta' strateġija ta' l-UE.

*L-evidenza mill-erba' Stati Membri li wettqu l-kejl bażi sħiħ, li jkopri ż-żewġ piżijiet li joriġinaw fil-livell tal-Komunità u dak ta' l-Istat Membru, tissuġġerixxi li mira ta' tnaqqis ta' 25% tista' tintlaħaq permezz ta' l-aġġornament u s-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni fiż-żewġ livelli. Dan huwa kkorroborat ukoll mill-eżerċizzji ta' kejl iktar parzjali li twettaq minn għadd kbir ta' Stati Membri f'setturi individwali. Dawn ir-riżultati empiriċi juru li jeżistu piżijiet amministrattivi sinifikanti li jistgħu jitnaqqsu permezz ta' għadd ta' metodi għat-tnaqqis ta' l-ispejjeż, stipulati hawn taħt, mingħajr ma jiġu affettwati l-għanijiet sostantivi tal-leġiżlazzjoni.*

### 3.2. Tagħlimiet għall-iżvilupp tal-miri għall-UE

#### 3.2.1 Il-mira ta' 25% bħala ankra għall-programm

L-esperjenza ta' l-Istati Membri li kellhom reviżjoni tissuġġerixxi li għandha tiġi stabbilita mira ġenerali, fi stadju bikri, flimkien mat-tnedija ta' eżerċizzju ta' kejl ibbażat fuq il-metodoloġija maqbula. Il-Kummissjoni tqis li l-Kunsill Ewropew għandu jistabbilixxi din il-mira konġunta fir-rebbiegħa ta' l-2007. Huwa propost li din għandha tammonta għal tnaqqis ta' 25% tal-piżijiet amministrattivi fl-UE kollha u li din il-mira tintuża bħala ankra politika biex tiġġenera l-momentum għall-azzjoni.

Iktar speċifikament, il-Kummissjoni tqis ukoll li l-Kunsill Ewropew għandu japprova mira ta' 25% għat-tnaqqis, kemm għal-leġiżlazzjoni tal-KE kif ukoll għall-miżuri tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni. Il-Kunsill Ewropew għandu jitlob lill-Istati Membri biex jistabbilixxu miri komparabbli fil-livell nazzjonali sa mhux iktar tard minn Ottubru 2008. Huwa permezz ta' din l-istrateġija multipla li n-negozji se jibbenefikaw minn titjib ċar fl-ambjent tan-negozju.

#### 3.2.2 L-UE u l-Istati Membri jieħdu azzjoni konġunta biex inaqqsu l-piżijiet amministrattivi

F'dan il-Programm ta' Azzjoni, il-Kummissjoni ppreżentat il-pjanijiet tagħha għall-kejl u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi marbuta mal-leġiżlazzjoni Komunitarja u miżuri relatati ta' traspożizzjoni. Madankollu, biex jinħassu l-benefiċċji sħaħ ta' mira konġunta ta' 25% hemm bżonn ta' impenn indaqs mill-Istati Membri fir-rigward ta' dawk il-miżuri purament nazzjonali u reġjonali u t-traspożizzjoni.

Għal dawk il-partijiet tal-kejl li se jsiru mill-Kummissjoni bl-għajnuna ta' l-Istati Membri, l-azzjoni se tkun immirata lejn dawk il-piżijiet li joriġinaw fl-oqsma prijoritarji elenkati f'dan il-

[21] Xi pajjiżi stabbilew mira globali 'politika' qabel ma saru jafu r-riżultati (UK, SE) jew saħansitra qabel bdew il-fażi tal-kej (NL, DK, CZ, AT). Dawn il-pajjiżi kollha stabbilew mira ta' 25% ħlief ir-Repubblika Ċeka (20%).

Programm ta' Azzjoni[22]. Huwa mistenni li l-mira konġunta ta' 25% tintlaħaq fi żmien ħames snin. Huwa propost li l-progress jiġi analizzat fir-Rebbiegħa ta' l-2009. Din l-iskeda ta' żmien hija ambizzjuża meta wieħed iqis li eżerċizzju ta' kejl ta' dan id-daqs qatt ma sar qabel u għandu jieħu ammont konsiderevoli ta' żmien - bħalissa huwa stmat li jieħu għallinqas sena u nofs. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jeħtiġilhom ifasslu proposti għat-tnaqqis li jagħtu raġunijiet għaliex l-obbligi ta' informazzjoni ma għadhomx meħtieġa. Fl-aħħarnett, il-bidliet meħtieġa fil-livell Komunitarju, fil-biċċa l-kbira, jeħtieġ jiġu deċiżi permezz tal-proċess interistituzzjonali. Għalhekk, din l-iskeda ta' żmien se tirrikjedi impenji kbar mill-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Membri biex ikun żgurat li l-proċessi leġiżlattivi fil-livell ta l-UE u dak nazzjonali jitlestew fil-ħin biex il-miżuri rilevanti jsiru effettivi fl-2012.

Huwa propost li jiġu stabbiliti miri parzjali iktar speċifiċi skond il-qasam politiku fuq il-bażi tar-riżultati tal-kejl sal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2009: miri iktar għolja għat-tnaqqis jistgħu jiġu ppjanati fl-oqsma politiċi fejn il-piżijiet amministrattivi huma partikolarment kbar u fejn l-opportunitajiet għat-tnaqqis ikunu sinifikanti. B'mod ġenerali għandu jkun ċar li l-mira ta' 25% hija mira politika globali. Konsegwentement, ikunu ppjanati miri ddifferenzjati. Partikolarment, il-miri jistgħu jvarjaw bejn l-Istati Membri skond it-tradizzjonijiet regolatorji, bejn setturi differenti u anki bejn biċċiet differenti ta' leġiżlazzjoni, skond l-intensità regolatorja u l-eliġibilità għas-simplifikazzjoni amministrattiva.

Huwa propost li l-mira tiġi stabbilita skond il-livell ta' piżijiet amministrattivi predominanti matul l-2004 – b'hekk ikun żgurat li l-Komunità u l-Istati Membri jiġu kkreditati għall-azzjonijiet li diġà ħadu[23].

Minħabba l-fatt li l-proposti futuri għas-simplifikazzjoni tal-piżijiet amministrattivi mhux se jibdlu l-għanijiet politiċi tal-proposti speċifiċi u lanqas is-sustanza tal-politika Komunitarja, huwa rrakkomandat li t-tliet istituzzjonijiet jaqblu li l-proposti għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi jingħataw trattament prijoritarju fit-teħid interistituzzjonali tad-deċiżjonijiet[24].

## 4. Strateġija għal azzjoni immedjata

Dawn il-miri jammontaw għal aġenda ambizzjuża ta' bidla fuq medda twila ta' żmien. Iżda l-Kummissjoni tipproponi wkoll li tibda l-ħidma saħansitra fl-ewwel nofs ta' l-2007 fuq għadd limitat ta' proposti għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fil-livell Komunitarju. Il-Kummissjoni identifikat serje ta' azzjonijiet imħeffa fejn il-benefiċċji sinifikanti jistgħu jiġu ġġenerati permezz ta' bidliet relattivament żgħar fil-leġiżlazzjoni sostantiva. Għalhekk, għandhom ikunu relattivament sempliċi biex jiġu deċiżi u implimentati mingħajr ma jmorru kontra l-iskop globali tal-leġiżlazzjoni. Il-proposti huma bbażati fuq konsultazzjoni mal-partijiet interessati u fuq suġġerimenti ta' esperti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni. It-traduzzjoni rapida ta' dawn l-emendi f'bidla reali fil-prattika se tkun teħtieġ impenn qawwi min-naħa tal-Kunsill kif ukoll tal-Parlament. Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-Kunsill

---

22 Il-piż amministrattiv marbut mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 jitkejjel fi studju separat li għadu għaddej. Ir-riżultati ta' dan l-istudju se jkunu disponibbli fl-2007 u se jitqiesu meta r-Regolament jasal għal reviżjoni fl-2008. Kull tnaqqis fil-piż amministrattiv li jirriżulta minn din ir-reviżjoni se jitqies fil-mira ta' 25% għall-piżijiet amministrattivi.

23 L-effetti tat-tnaqqis miksub fil-Programm Kontinwu ta' Simplifikazzjoni jiġu evalwati wkoll.

24 Ftehim interistituzzjonali dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar, Diċembru 2003 (ĠU C 321, 31.12.2003., p.1).

Ewropew biex jitlob lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew biex jagħtu prijorità speċjali lill-miżuri stipulati fl-Anness III ladarba l-Kummissjoni tkun għamlet il-proposti korrispondenti.

L-Anness III jipproponi 11-il attività li tista' tnaqqas il-piżijiet amministrattivi b'madwar € 1.3 biljuni[25].

## 5. PRINĊIPJI KOMUNI GĦAT-TNAQQIS TAL-PIŻIJIET AMMINISTRATTIVI

Il-kejl tar-rekwiżiti amministrattivi fl-UE mhuwiex għan fih innifsu. L-għan huwa li titnaqqas il-burokrazija għan-negozji fl-Ewropa. Fir-rigward tal-kwistjoni ta' kif jitnaqqsu dawn il-piżijiet, il-Kummissjoni tipproponi li l-prinċipji li ġejjin jiggwidaw il-proċess peress li jistgħu jagħmlu kontribut sinifikanti lejn it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi.

- Il-frekwenza tar-rekwiżiti ta' rappurtar għandha titnaqqas sal-livelli minimi meħtieġa għall-ilħiq ta' l-għanijiet sostantivi tal-leġiżlazzjoni u din il-frekwenza ta' rappurtar għandha tiġi alinjata għall-biċċiet differenti ta' leġiżlazzjoni li huma relatati, kull fejn dan ikun possibbli;

- Analiżi ta' jekk l-istess obbligi ta' informazzjoni hux qed jiġu mitluba bosta drabi minn kanali differenti u l-eliminazzjoni tad-duplikazzjoni (eż. għadd ta' obbligi ta' informazzjoni ambjentali bħalissa qed jiġu mitluba minn iktar minn biċċa leġiżlazzjoni waħda);

- Fejn bħalissa r-rappurtar isir fuq il-karti ta' l-informazzjoni miġbura, għandu jkun rikjest li jsir b'mod elettroniku jew permezz ta' l-internet, u għandhom jintużaw portali intelliġenti kull fejn possibbli;

- L-introduzzjoni ta' limiti għar-rekwiżiti ta' informazzjoni, li jillimitawhom għall-kumpaniji żgħar u medji kull fejn ikun possibbli, jew inkella jkunu ibbażati fuq teħid ta' kampjuni (huwa magħruf sewwa li l-SMEs ibatu partikolarment minn piżijiet amministrattivi - il-ġbir tad-*data* għal skopijiet ta' informazzjoni għandu jikkunsidra dan il-fatt);

- Għandu jiġi kkunsidrat jekk ir-rekwiżiti ta' informazzjoni fuq in-negozji kollha f'settur jistgħux jiġu mibdula b'approċċ ibbażat fuq ir-riskju – ir-rekwiżiti ta' l-informazzjoni għandhom jiġu ffukati fuq dawk l-operaturi li jwettqu l-attivitajiet bl-ogħla riskju;

- Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni għandhom jitnaqqsu jew jitneħħew kull fejn dawn jirrigwardaw rekwiżiti sostantivi li tneħħew jew ġew modifikati mindu ġie adottat ir-rekwiżit ta' l-informazzjoni (eż. għad hemm obbligi ta' informazzjoni fit-trasport tat-triq li għadhom miż-żmien meta kienu meħtieġa permessi biex isir trasport internazzjonali);

- Għandha tingħata kjarifika uffiċjali ta' biċċiet kumplessi ta' leġiżlazzjoni li jistgħu jnaqqsu r-ritmu ta' l-attivitajiet tan-negozju jew jirrikjedu għarfien legali espert.

---

25 L-ammont totali għadu qed jiġi kkalkulat.

## 6. IL-PASSI LI JMISS

Il-Kummissjoni ppjanat għadd ta' passi fir-Reviżjoni Strateġika tagħha dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea[26]. Dawn jinkludu l-preżentazzjoni ta' dan il-Programm ta' Azzjoni biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fuq il-bażi tar-riżultati tal-konsultazzjoni dwar id-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni u r-Reviżjoni Strateġika tar-Regolamentazzjoni Aħjar.




Il-Kummissjoni, l-Istituzzjonijiet l-oħra ta' l-UE u l-Istati Membri għandhom sussegwentement iniedu l-programm ta' kejl u jieħdu azzjoni fir-rigward ta' l-attivitajiet immedjati. Il-kejl wiesa' tal-leġiżlazzjoni tal-KE u tal-miżuri relatati ta' traspożizzjoni min-naħa tal-Kummissjoni se jibda fir-rebbiegħa ta' l-2007 u r-rapport joħroġ fl-aħħar tliet xhur ta' l-2008. Dawn l-azzjonijiet se jiġu mmonitorjati wkoll permezz tal-Programm Kontinwu tas-Simplifikazzjoni li diġà fih għadd ta' proposti importanti għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi[27]. Se jkun hemm rappurtar regolari dwar il-progress fit-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi B'mod paralleli, l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom f'azzjonijiet simili matul dan il-perjodu u jagħtu riżultati fit-tnaqqis tal-piż billi jimmodifikaw leġiżlazzjoni nazzjonali u/jew reġjonali. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dwar il-programmi nazzjonali tagħhom ta' tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fil-kapitolu "Regolamentazzjoni Aħjar" tar-rapporti tagħhom dwar il-progress fil-kuntest ta' l-Istrateġija għat-"Tkabbir u l-Impjiegi". B'dan il-mod, il-Kummissjoni kull sena se tirrapporta dwar il-progress globali—fil-livell Komunitarju u dak nazzjonali – fil-Progress Annwali tal-Progress (APR) tagħha dwar l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Impjiegi, sabiex b'hekk tkun qed tgħin lill-

---

26 COM(2006) 689, 14.11.2006

27 Ara "*First progress report on the Simplification Strategy To Improve The Regulatory Environment*", Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff, Ottubru 2006. Pereżempju fl-oqsma ta' politika li ġejjin: L-ambjent: Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis (IPPC) u leġiżlazzjoni relatata oħra dwar l-emissjonijiet industrijali bil-għan li titjieb iċ-ċarezza u l-konsistenza (partikolarment fir-rigward tar-rappurtar) u rekwiżiti ta' simplifikazzjoni; Id-Direttiva dwar il-prodotti tal-bini, bil-għan li jiġu ċċarati u mnaqqsa l-piżijiet amministrattivi, partikolarment għall-SMEs, permezz ta' iktar flessibilità fit-tfassil u l-użu ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, regoli eħfef ta' ċertfikazzjoni, u l-eliminazzjoni ta' l-ostakli għall-implimentazzjoni li s'issa fixklu l-ħolqien ta' suq intern komplet għall-prodotti tal-bini; statistika: rappurtar eħfef ta' l-istatistika mill-operaturi ekonomiċi, possibilment bl-eżenzjoni ta' l-SMEs, filwaqt li jitqiesu r-riżultati tal-proġett pilota li għaddej bħalissa dwar il-kejl u t-tnaqqis ta' l-ispejjeż amministrattivi u l-istudju ta' fattibilità biex jiġi analizzat kemm taħdem tajjeb sistema ta' ġbir li tinkludi biss fluss wieħed.

Kunsill Ewropew fl-għoti ta' direzzjoni iktar ċara għal dan il-programm. Kif stipulat hawn fuq, il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2009 se jkun punt mezzan importanti fil-Programm ta' Azzjoni u, għalhekk, l-APR tal-Kummissjoni ta' l-2008 se jkun fih evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm flimkien ma' proposti oħra, kull fejn meħtieġ, biex jissaħħaħ.

Huwa mistenni li sa Marzu 2009, l-Istati Membri kollha se jkunu lestew il-kejl tagħhom - għallinqas fl-oqsma prijoritarji fil-livell nazzjonali u se jkunu lesti biex jistabbilixxu l-miri nazzjonali speċifiċi tagħhom. Għall-Istati Membri dan huwa proċess li kostantement se jqis il-punti inizjali differenti għax bosta diġà wettqu kejl bażi u qed javvanzaw fil-programmi tagħhom għat-tnaqqis ta' l-ispejjeż.

Huwa biss jekk l-atturi kollha involuti jimpenjaw ruħhom biex iżommu ma' l-iskeda ta' żmien stipulata hawn fuq li l-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2012 jkun jista' jevalwa l-programm strateġiku sħiħ u jkun jista' jikkonkludih.

## 7. KONKLUŻJONIJIET

Il-Programm ta' Azzjoni stipulat f'din il-Komunikazzjoni qed joffri l-possibilità li jsir kontribut sinifikanti fit-titjib tal-klima tan-negozju fl-UE. Fih *road map* dettaljata għall-kejl u t-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi żejda fl-UE kif ukoll miri biex jiggwidaw il-proċess.

Il-Programm ta' Azzjoni se jirrikjedi impenn qawwi mill-Istati Membri u l-koleġiżlatur. Għaldaqstant, il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007 huwa mitlub biex:

(1) Japprova l-Programm ta' Azzjoni dwar il-Piżijiet Amministrattivi stipulat f'din il-Komunikazzjoni, inklużi l-oqsma prijoritarji magħżula, il-metodoloġija proposta, il-prinċipji għat-tnaqqis tal-piżijiet, il-lista ta' azzjonijiet immedjati u l-istruttura organizzazzjonali;

(2) Jistieden l-Istati Membri jappoġġaw lill-Kummissjoni bil-kejl tal-piżijiet amministrattivi assoċjati mal-leġiżlazzjoni Komunitarja u t-traspożizzjoni, kif stipulat f'din il-Komunikazzjoni;

(3) Jistabbilixxi mira konġunta ta' tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, ikkawżati minn leġiżlazzjoni tal-KE u dik nazzjonali, li tkun 25% b'kollox, u li għandha tintlaħaq sal-2012. Għall-faċilitazzjoni tal-ksib ta' dan l-għan, għandha tiġi stabbilita wkoll mira ta' 25% speċifikament għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi marbuta mal-leġiżlazzjoni tal-KE u t-traspożizzjoni tagħha. Din il-mira mbagħad tiġi ddifferenzjata fost l-oqsma prijoritarji fuq il-bażi tar-riżultati tal-Programm ta' Azzjoni.

(4) Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu miri għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fil-livell nazzjonali sa mhux iktar tard minn Ottubru 2008, u biex kull sena minn Ottubru 2007 'l hemm, jirrappurtaw dwar il-kejl u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fir-rapporti nazzjonali ta' progress tagħhom ta' l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Impjiegi.

(5) Jitlob lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew biex jagħtu prijorità speċjali lill-miżuri stipulati fl-Anness III ladarba l-Kummissjoni tkun għamlet il-proposti korrispondenti, bil-għan li jiġu adottati mill-iktar fis possibbli, fl-2007.

## ANNESS I: Rekwiżiti minimi ta' armonizzazzjoni

Peress li l-Istati Membri li diġà lestew il-kejl bażi tagħhom adottaw varjanti daqsxejn differenti mill-SCM oriġinali, diffiċli jsir tqabbil minn pajjiż għall-ieħor tad-*data* eżistenti, partikolarment meta wieħed jipprova jiġbor ir-riżultati flimkien u jiddetermina l-oriġini ta' l-OI.

Il-proġett pilota li tlesta f'Ottubru 2006 wera li se jkun meħtieġ ċertu livell minimu ta' armonizzazzjoni tad-definizzjonijiet biex jippermetti l-validazzjoni u t-tqabbil tad-*data* bejn il-pajjiżi, biex jiġu prodotti riżultati sinifikanti fil-livell ta' l-UE u għall-istabbiliment ta' miri *ad hoc* għat-tnaqqis. Dan jikkonċerna b'mod partikulari:

- il-klassifikazzjonijiet skond l-oriġini ta' l-OI;
- ir-relazzjonijiet standardizzati ta' l-ispejjeż (*overheads*)
- it-tip ta' attivitajiet amministrattivi kkonċernati u l-popolazzjonijiet (segmentazzjoni ta' l-għadd ta' setturi, kumpaniji) affettwati;
- id-definizzjoni ta' "negozju effiċjenti";
- l-entitajiet ikkonċernati (eż. unitajiet domestiċi, negozji, amministrazzjonijiet, eċċ.).

F'konformità ma' l-Istrateġija dwar it-Tkabbir u l-Impjiegi, il-Kummissjoni tipproponi li l-ambitu tal-Programm ta' Azzjoni jkun limitat għall-obbligi fuq in-negozji.[28].

[28] Madankollu, il-Kummissjoni se tanalizza r-rekwiżiti amministrattivi fuq il-benefiċjari kollha tal-fondi tal-Politika tal-Koeżjoni. Dan se jservi ta' proġett pilota. Barra minn hekk, dan il-programm ta' azzjoni ma jimpedixxix inizjattivi oħra tal-Kummissjoni li jkollhom l-għan li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi għaċ-ċittadini, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u/jew is-settur volontarju.

## Annex II: Priority areas for the Commission's measurement of administrative burdens deriving from information obligations

| No. | Area | EC Legislation |
|---|---|---|
| 1 | **Company Law** [1] | Fourth Council Directive 78/660/EEC of 25 July 1978 based on Article 54 (3) (g) of the Treaty on the annual accounts of certain types of companies. |
| | | 3rd Council Directive of 9 October 1978 (78/855/EEC) |
| | | 6th Council Directive of 17 December 1982 (82/891/EEC) |
| | | Second Council Directive of 13 December 1976 on coordination of safeguards which, for the protection of the interests of members and others, are required by Member States of companies within the meaning of the second paragraph of Article 58 of the Treaty. |
| 2 | **Pharmaceutical legislation** | Directive 2001/83/EC of the European Parliament and of the Council of 6 November 2001 on the Community code relating to medicinal products for human use |
| | | Directive 2001/20/EC on the approximation of laws, regulations and administrative provisions of the Member States relating to the implementation of good clinical practice in the conduct of clinical trials on medicinal products for human use |
| 3 | **Working environment/ employment relations** | Council Directive 89/391/EEC of 12 June 1989 on the introduction of measures to encourage improvements in the safety and health of workers at work |
| | | Directive 92/57/EEC of 24 June 1992 on the implementation of minimum safety and health requirements at temporary or mobile construction sites |
| 4 | **Tax law (VAT)** | Sixth Council Directive 77/388/EEC of 17 May 1977 on the harmonization of the laws of the Member States relating to turnover taxes - Common system of value added tax: uniform basis of assessment |
| 5 | **Statistics** | Council Regulation (EEC) No 3330/91 on the statistics relating to the trading of goods between Member States |
| | | Council Directive 2001/109/EC of the EP and Council on fruit trees; Council; Council Directive 93/23/EEC of 1 June 1993 on the statistical surveys to be carried out on pig production, Council Directive 93/24/EEC of 1 June 1993 on the statistical surveys to be carried out on bovine animals |
| | | Council Regulation (EEC N) 3924/91of 19 December 1991 on the establishment of a Community survey of industrial production<br><br>Council Regulation (EC, Euratom) No 58/97 of 20 December 1996 concerning structural business statistics |

Annex II: Priority areas for the Commission's measurement of administrative burdens deriving from information obligations

| No. | Area | EC Legislation |
|---|---|---|
| 6 | **Agriculture and Agricultural Subsidies** | Council Regulation (EC) 1782/2003 of 29 September 2003 establishing common rules for direct support schemes under the common agricultural policy and establishing certain support schemes for farmers [2.] |
| | | Commission Regulation (EC) No 1291/2000 of 9 June 2000 Laying down common detailed rules for the application of the system of import and export licences and advance fixing certificates for agricultural products. |
| 7 | **Food Safety** | Regulation (EC) No 1760/2000 of the European Parliament and of the Council of 17 July 2000 establishing a system for the identification and registration of bovine animals and regarding the labelling of beef and beef products and repealing Council Regulation (EC) No 820/97 |
| | | Council Regulation (EC) No 21/2004 of 17 December 2003 establishing a system for the identification and registration of ovine and caprine animals and amending Regulation (EC) No 1782/2003 and Directives 92/102/EEC and 64/432/EEC. |
| | | Directive 2000/13/EC of the European Parliament and of the Council of 20 March 2000 on the approximation of the laws of the Member States relating to the labelling, presentation and advertising of foodstuffs. |
| | | Council Regulation (EC) 1/2005 - Protection of animals during transport and related operations. |
| | | Regulation 1830/2003 GMOs - traceability rules require that operators have in place system to hold information for 5 years. |
| | | Council Directive Plant health – legislation requires operators to keep plant passports (certificates confirming compliance with EC legislation in this area) for 1 year. |
| | | Directive 98/6/EEC of the European Parliament and the Council of 16 February 1998 on consumer protection in the indication of the prices of products offered to consumers |
| 8 | **Transport** | Regulation (EC) No 561/2006 of the European Parliament and of the Council of 15 March 2006 on the harmonisation of certain social legislation relating to road transport and amending Council Regulations (EEC) No 3821/85 and (EC) No 2135/98 and repealing Council Regulation (EEC) No 3820/85 [3] |
| | | (Directive 2004/49/EC of the European Parliament and of the Council of 29 April 2004 on safety on the Community's railways and amending Council Directive 95/18/EC on the licensing of railway undertakings and Directive 2001/14/EC on the allocation of railway infrastructure capacity and the levying of charges for the use of railway infrastructure and safety certification (Railway Safety Directive);) |
| 9 | **Fisheries** | Council Regulation (EEC) No 2847/93 of 12 October 1993 establishing a control system applicable to the common fisheries policy |

Annex II: Priority areas for the Commission's measurement of administrative burdens deriving from information obligations

| No. | Area | EC Legislation |
|---|---|---|
| 10 | **Financial Services** | Directive 2006/48/EC of the European Parliament and of the Council of 14 June 2006 relating to the taking up and pursuit of the business of credit institutions. |
| | | Directive 2006/49/EC of the European Parliament and of the Council of 14 June 2006 on the capital adequacy of investment firms and credit institutions. |
| | | Directive 2002/83/EC of the European Parliament and of the Council of 5 November 2002 concerning life insurance |
| 11 | **Environment** | Regulation (EC) No 1013/2006 of the European Parliament and of the Council of 14 June 2006 on shipments of waste [4] |
| | | Council Directive 96/61/EC of 24 September 1996 concerning integrated pollution prevention and control [5] |
| | | Waste Electrical and Electronic Equipment (WEEE) Directive 2002/96/EC. |
| | | Directive 2000/53/EC of the European Parliament and of the Council of 18 September 2000 on end-of life vehicles |
| | | Directive 2003/105/EC of the European Parliament and of the Council of 16 December 2003 amending Council Directive 96/82/EC on the control of major-accident hazards involving dangerous substances |
| 12 | **Cohesion policy** | Council Regulation (EC) No 1105/2003 of 26 May 2003 amending Regulation (EC) No 1260/1999 laying down general provisions on the Structural Funds. |
| | | Council Regulation (EC) No 1260/1999 of 21 June 1999 laying down general provisions on the Structural Funds. |
| | | Commission Regulation (EC) No 621/2004 of 1 April 2004 laying down rules for implementing Council Regulation (EC) No 1164/94 as regards information and publicity measures concerning the activities of the Cohesion Fund. |
| 13 | **Public Procurement** [6] | Directive 2004/17/EC of the European Parliament and of the Council of 31 March 2004 coordinating the procurement procedures of entities operating in the water, energy, transport and postal services sectors. |
| | | Directive 2004/18/EC of the European Parliament and of the Council of 31 March 2004 on the coordination of procedures for the award of public work contracts, public supply contracts and public service contracts. |
| | | Commission Regulation (EC) No 1564/2005 of 7 September 2005 establishing standard forms for the publication of notices in the framework of public procurement procedures pursuant to Directives 2004/17/EC and 2004/18/EC of the European Parliament and of the Council (Text with EEA relevance). |

(1) A separate study to measure administrative cost stemming from company law is already in progress.

(2) The administrative burden related to Council Regulation (EC) No 1782/2003 is measured in a separate study which is ongoing. The results of this study will be available in 2007 and will be taken into account when the regulation will be up for review in 2008. Any reduction in administrative burden resulting from this review will be taken into account for the 25% administrative burden target.

(3) Measurement to focus on the benefits of the new act compared to the old legislation.

4) The measurement for this piece of legislation will commence only in 2008 in order to provide an insight into the expected reductions made by the 2006 revision as compared to the 1993 regulation.

(5) The Commission is completing a full review of the IPPC directive and will propose a legislative revision before the end of 2007. Administrative burdens have been taken into account as a part of this review and the work of the consultants will therefore primarily focus on identifying and measuring those burdens that exist as a result of Member States' application of the directive.

(6) Measurements in the public procurement area shall be carried out as an integrated part of the overall intermediate evaluation of these relevant Directives currently scheduled to commence in 2008.

## Annex III: Items for fast track actions

| | |
|---|---|
| Area | **Company Law** |
| Description | Ease requirements regarding written reports to the stockholders in case of merger and division |
| EC legislation | Third Council Directive 78/855/EEC of 9 October 1978 based on Article 54(3)(g) of the Treaty concerning mergers of public limited liability companies and Sixth Council Directive 82/891/EEC of 17 December 1982 based on Article 54(3)(g) of the Treaty, concerning the division of public limited liability companies |
| Reduction measure | Make the requirements voluntary and give stockholders the opportunity to decide whether the document should be drawn up in a national merger or division to align with the provision of the tenth directive |

| | |
|---|---|
| Area | **Agriculture** |
| Description | Ease the obligations for farmers, collectors and/or processors of energy crops that have to be complied with in order for the farmers to receive support for the cultivation of energy crops |
| EC legislation | Commission Regulation (EC) No 1973/2004 |
| Reduction measure | Reduce the reporting obligation for the operators and make it possible to replace the obligatory lodging of a security by the operators by another system offering equivalent assurance for the good financial control of the system |

| | |
|---|---|
| Area | **Agriculture** |
| Description | Ease the requirements concerning the documentary proof to be delivered by operators in order to receive export refunds for exporting certain agricultural produce |
| EC legislation | Commission Regulation (EC) No 800/1999 |
| Reduction measure | Raise threshold. Article 16(1) requires exporters to deliver a copy of a customs document as proof of importation in a third country in order to get differentiated refunds paid. Under certain conditions the paper copy may be replaced by IT generated information. Article 17 gives Member States the option to waive the requirement of Article 16(1) for refunds up to certain thresholds, depending on the destination. In that case only a transport document is required. To the extent possible, an extension of the waiver in order to cover more situations will be considered |

| | |
|---|---|
| Area | **Statistics** |

| | |
|---|---|
| Description | Ease certain statistical obligations on farmers |
| EC legislation | Council Directives 93/23/EEC; 93/24/EEC and 93/25/EEC |
| Reduction measure | Reduce frequency of certain agricultural statistics to once a year by merging and simplifying the 3 Directives. More specifically frequencies will be reduced for surveys in Member States with pig populations smaller than 3 million head and cattle population smaller than 1.5 million heads. Furthermore, Member States will be allowed to use sources other than surveys (e.g. the system for the identification and registration of bovine animals) to make the required estimates, thus easing the response burden on farmers |

| | |
|---|---|
| Area | **Statistics** |
| Description | Ease certain statistical obligations regarding the information society |
| EC legislation | Implementing regulation applying (EC) No 808/2004 of the European Parliament and of the Council of 21 April 2004 concerning Community statistics on the information society |
| Reduction measure | Simplify the ordinary and sector questionnaire in the annual Commission Regulation that implements regulation 808/2004, thus easing the administrative burdens for respondents. The proposal aims at reducing the volume of statistical questions posed to businesses in the information society |

| | |
|---|---|
| Area | **Transport** |
| Description | Ease certain obligations to provide transport statistics |
| EC legislation | EEC Council: Regulation No 11 concerning the abolition of discrimination in transport rates and conditions, in implementation of Article 79(3) of the Treaty establishing the European Economic Community |
| Reduction measure | Remove the obligation to provide information on tariffs, agreements, price deals and transport. The proposal will remove outdated requirements (from 1960) for documentation on a series of issues when transporting goods across national borders within the EU |

| | |
|---|---|
| Area | **Transport** |
| Description | Ease information obligations in the transport sector |
| EC legislation | Council Directive 96/26/EC of 29 April 1996 on admission to the occupation of road haulage operator and road passenger transport operator and mutual recognition of diplomas, certificates and other evidence of formal qualifications intended to facilitate for these operators the right to freedom of establishment in national and |

| | |
|---|---|
| | international transport operations |
| Reduction measure | Introduce electronic register to enhance exchange of data and allow targeted checks, thereby reducing administrative burdens on businesses |

| | |
|---|---|
| Area | **Transport** |
| Description | Ease information obligations in the maritime sector |
| EC legislation | Council Directive 96/35/EC of 3 June 1996 on the appointment and vocational qualification of safety advisers for the transport of dangerous goods by road, rail and inland waterway |
| Reduction measure | Simplify the administrative procedures both for public authorities (EU or national) and for private bodies |

| | |
|---|---|
| Area | **Food hygiene** |
| Description | Exempt small businesses from certain HACCP requirements |
| EC legislation | Regulation (EC) No 852/2004 |
| Reduction measure | Exempt mall retailers (butchers, bakers etc.) from certain HACCP (Hazard Analysis and Critical Control Point) requirements, thereby not imposing the same burdens on small butchers, bakers, etc. as on large supermarkets |

| | |
|---|---|
| Area | **Food hygiene** |
| Description | Simplify administrative requirements for small fishing vessels |
| EC legislation | Regulation (EC) No 853/2004 |
| Reduction measure | Remove unnecessary requirements for small fishing vessels |